**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

# MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 28 – L-ERBGĦA 31 TA’ AWWISSU 2011

Il-Kunsill iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Is-Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. IL-KUNSIDERAZZJONI U L-APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti nqraw u wara li kienu approvati ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sur Jeremy Anthony Dalli, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta’ pagamenti annessa ġiet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2 IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU

2.1 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, poggiet quddiem il-Kunsill l-ittra mingħand Hugh Arnett, espert tat-traffiku, li kien fiha diversi suġġerimenti biex jitressqu quddiem Transport Malta għal-approvazjoni.

2.2 Is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata minn Dr Marc Sant, ressqet mozzjoni li ġiet approvata unanimament biex isiru marki ta' kareġġjata sofor faċċata tal-Kapella Sant'Andrija fi Triq il-Forn għar-raġuni li karozzi kienu qed jipparkjaw quddiem residenza u jimblukkaw il-bieb prinċipali ta' din id-dar.

2.3 Il-Kunsill approva wkoll biex jitwaħħlu tabelli fi Triq Mabel Strickland, kantuniera ma' Triq Sir Ugo Mifsud biex it-Traffiku ma jdurx lejn in-naħa t'isfel tat-Triq Sir Ugo Mifsud.

## 3. IL-PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – IT-TOROQ

3.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, tkellem dwar ix-xogħlijiet fi Triq Annibale Preca. Huwa semma diversi lmenti li kien qed jirċievi mingħand ir-residenti minħabba id-dewmien li qed ikun hemm biex dan ix-xogħol jibda b'mod aktar serju u jispiċċa malajar kemm jista' jkun.

3.2 Il-Perit John Rizzo Naudi, Contract Manager tal-Kunsill, għamel spjegazjoni dwar din il-problema. Fost affarijiet oħra huwa qal li ser jinsisti mal-kuntrattur biex jara li dan il-proġett jitwettaq mingħajr akar dewmien.

3.3 Il-Perit John Rizzo Naudi qal ukoll li ser jinsisti mal-kuntrattur biex iġedded il-permessi meħtiega kif ukoll il-'Bank Guarantee'.

3.4 Il-Perit John Rizzo Naudi għandu jinforma lill-Kunsill bl-andament tax-xogħol fil-ġranet li ġejjin.

## 4. URBAN IMPROVEMENT FUNDS (UIF)

4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew lista ta' xogħlijiet li għandhom isiru fi sqaqien fil-qalba tar-raħal. Il-Kunsill unanimanet qabel li għandha tinżamm laqgħa ma' rappreżantant mill-uffiċċju tal-UIF biex ikunu diskussi dawn ix-xogħlijiet.

4.2 Wara li tinġabar l-informazzjoni meħtieġa, għandha ssir applikazzjoni uffiċċjali għal dawn il-fondi biex isiru dawn ix-xogħlijiet.

## 5. ATTIVITÀ KULTURALI

5.1 Fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill approva unanimament biex issir ħarġa kulturali fir-raħal ta' Ħaż-Żebbug fejn hemm wirja interressanti ħafna dwar l-għasir taż-żebbuġ.

5.2 Din l-attività għandha tinżamm għal nofs Ottubru. Aktar dettalji dwar din l-attività jingħataw aktar 'il quddiem.

5.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia il-Kunsill unanimament approva biex issir ħarġa kulturali għat-tfal ta' bejn is-6 sa 11-il sena għal Popeye Village.

5.4 Din il-ħarga għandha tinżamm fil-15 ta' Settembru 2011 u għandha titqassam ċirkulari lir-residenti.

5.5 Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia, sekondata mis-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill approva biex isiru korsijiet tal-Ħansa fl-uffiċċju tal-Kunsill.

5.6.Ċirkulari dwar dan il-kors għandha titqassam lir-residenti.

5.7 Fuq proposta tas-Sur Jeremy Anthony Dalli, sekondat mis-Sinjura Magda Magri Naudi, il-Kunsill unanimament approva biex tinżamm Lejla Maltija bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda San Mikiel.

5.8 Għal din ir-raġuni il-Kunsill approva wkoll l-ammont ta €300 biex ikopru l-ispejjeż ta' din l-attività li għandha tinżamm nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru 2011.

## 6. 'PATCHING' TA' TOROQ

6.1 Fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondat mis-Sinjur Dr Marc Sant, il-Kunsill unanimanet approva biex jinġabru kwotazzjonijiet ta' 'patching' ta' toroq fi Triq il-Mitħna, fi Triq Egidio Lapira u fi Triq Guzeppe Cali.

## 7. KUNTRATTI CLEANSING SERVICES DEPARTMENT

7.1 Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, informa lill-Kunsill li l-kuntratti tal-'Bulky Refuse' u tal-'Public Convenience' li l-Kunsill kellu mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika mhux ser ikomplu jiġġeddu wara ħafna estenzjonijiet li kienu saru fuq dawn il-kuntratti.

7.2 Il-Kunsilliera qablu unanimament biex temporanjament il-Public Convenience jibdew jitnaddfu mill-ħaddiema tal-IPSL u fir-rigward tal-'Bulky Refuse' dan is-servizz ser ikompli jingħata mill-Asphaltar Ltd. sakemm jinħarġu kuntratti ġodda.

## 8. MAJJSITRAL ACTION GROUP

8.1 Il-Kunsill approva unanimament biex il-Majjistral Action Group iżomm taħdidiet ta' informazzjoni ma' persuni li jaħdmu l-artigjanat fir-raħal ta' Ħal Lija. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb jinforma lil dawn in-nies bid-dettalji ta' dawn il-laqgħat.

8.2 Permezz ta' dawn il-laqghat, dawn in-nies ser ikunu infurmati bil-fondi li hemm għad-dispożizjoni mill-UE biex tgħin fix-xogħol tal-artiġjanat.

## 9. IL-LAQGĦA

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2011 fil-5.00 p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Alfred Buhagiar |
| Is-Sindku | Is-Segretarju Eżekuttiv |